MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2003

Numru 963/2002

Il-Pulizija
(Sp Joseph Agius)
vs
Francois Cumbo, iben Emanuel,
imwieled Pieta’ fl-24 ta’ awissu, 1980

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-26 ta’ ottubru, 2002 għal ħabta tal-21.25 siegħa ġewwa ż-Żurrieq waqt li kien fil-bar ‘The Venue’ ikkometta serq ta’ basket tal-ġilda li kien fih fost dokumenti oħra, żewġ mobile phones li jiswew aktar minn Lm100 u madwar Lm5 fi flus għad-dannu ta’ Kathleen Briffa miż-Żurrieq, liema valur jeċċedi l-Lm100 iżda mhux aktar minn Lm1,000 liema serq hu aggravat bil-persuna, bil-valur u bil-ħin;
2. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi xjentement f’Malta laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa meħuda b’qerq

jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' marzu, 2003 fejn l-imputat ikkonsenja żewġ mobiles ġodda ta' l-istess għamla li seraq lill-parte ċivile.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' marzu, 2003 fejn l-imputat ammetta l-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati at-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ)(d)(f), 267, 268, 270 u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċeraarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------